MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 544/2006

**Britannia Catering Company Limited (C2893).**

**vs.**

**Scala Develpments Company Limited (C18453).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Britannia Catering Company Limited u Joseph Pace ghan-nom ta' Britannia Catering Company Limited datat 15 ta' Gunju 2006 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi s-socjeta' rikorrenti kienet tikri minghand Joseph Pace il-fondi bin-numru 36A u 37 *Flat* 1, Tigne Seafront, Sliema, liema fondi llum jappartjenu lis-socjeta` intimata wara illi

din xtrathom permezz ta' proceduri ta' subasta minghand l-istess Joseph Pace.

Illi ghaldaqstant, s-socjeta` rikorrenti kellha l-pussess ta' dawn iz-zewg fondi.

Illi nhar il-Erbgha 14 ta' Gunju 2006, s-socjeta` rikorrenti giet spussessata mill-pussess ta' dawn iz-zewg fondi mis-socjeta` intimata meta din bi vjotenza zgassat gewwa l-fond 36A, Tigne Seafront, Sliema, harget l-oggetti kollha li kienu jinsabu gewwa li kienu hemm gew - sahansitra kien hemm anke vettura maqbuda permezz ta' mandat ta' qbid - u tellet hajt wara x-xatter (*shutter*) fejn gie negat kwalsiasi forma ta' access.

Illi dan l-agir illegali u abusiv da parti tas-socjeta` intimata jikkostitwixxi spoll *a tenur* tal-**artikolu 535 (1) tal-Kodici Civili** u *a tenur* tal-istess ghandu d-dritt jitlob minghand is-socjeta` intimata sa jigi ri-integrat fil-pussess ta' dawn iz-zewg fondi.

Illi ghalhekk l-istess esponenti talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata kkommettiet spoll fil-konfront tas-socjeta` attrici fir-rigward tal-fondi 36A u 37 *Flat* 1, Tigne Seafront, Sliema;

2. Tordna lis-socjeta` intimat sabiex fi zmien li ghandu jigi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti, tirrimetti lis-socjeta` rikorrenti fil-pussess ta' dawn iz-zewg fondi u tirripristina dawn iz-zewg fondi fl-istat li kienu jinsabu qabel mal-esponenti giet spollata u dan anke *occorrendo* taht is-supervizjoni ta' Perit li ghandu jigi nominat minn din l-Onorabbli Qorti;

3. Tordna lis-socjeta` intimat sabiex terga' tirritorna l-oggetti kollha li nhargu minn gewwa dawn iz-zewg fondi.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta` intimata li hija ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda a fol. 2 tal-process;

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-1 ta' Novembru 2006.

Rat in-noti tas-socjeta` Britannia Catering Company Limited datati 22 ta' Awwissu 2006 u 11 ta' Jannar 2007 rispettivament.

Rat l-affidavit ta' Joseph Pace datat 6 ta' Dicembru 2006.

Rat il-verbali tas-seduti l-1 ta' Novembru 2006 u 11 ta' Novembru 2007 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Jannar 2007 fejn inter alia deher Dr. Paul Gauci Maestre u l-Perit Patrick Grixti Soler ghas-socjeta' konvenuta li nfurmaw il-Qorti li kienu pprezentaw rikors sabiex jiggustifikaw il-kontumacja taghhom u l-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u tat l-ordnijiet relattivi rigwardanti r-rikors indikat.

Rat ir-rikors datat 30 ta' Jannar 2007 fejn is-socjeta' konvenuta talbet li tiggustifika l-kontumacja taghha.

Rat ir-risposta ghall-istess mis-socjeta' attrici datata 13 ta' Frar 2007.

Rat in-nota bl-affidavits tas-socjeta' konvenuta datata 16 ta' Frar 2007.

Rat in-nota attrici datata 19 ta' Frar 2007.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Marzu 2007 u x-xhieda ta' Dr. Paul Gauci Maestre u n-nota minnu pprezentata b'diversi dokumenti (fol. 31) u fejn id-difensuri trattaw il-punt tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja tas-socjeta' konvenuta u l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-istess ghas-26 ta' April 2007 u l-ordni tal-istess Qorti tal-istess data fejn il-kawza giet differita ghat-3 ta' Mejju 2007.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-3 ta’ Mejju 2007 fejn inghatat decizjoni fuq il-punt tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta.

Rat l-istess decizjoni li biha s-socjeta’ konvenuta inghatat il-fakolta’ li tipprezenta risposta guramentata (fol. 80).

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` Scala Developments Company Ltd (C18453) datata 21 ta’ Mejju 2007 a fol. 92 tal-process fejn il-Perit Patrick Gristi Soler detentur tal-karta tal-identita` numru 93552(M) ghan-nom tas-socjeta` intimata ecceppixxa: -

1. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi s-socjeta` ntimata ma kkommettietx spoll fir-rigward tal-fondi 36A u 37 *Flat* 1, Tigne Sea Front, Sliema.

2. Illi s-socjeta` intimata akkwistat il-fondi 36A u 37 *Flat* 1, gewwa Tigne Sea Front Sliema wara bejgh bl-irkant fuq talba tas-socjeta` bankarja Bank of Valletta pic.

3. Illi l-fondi in kwistjoni li qabel kienu jappartjenu lil Joseph u Maria Carmela Pace gew mixtrija hekk kif deskritti fir-relazzjoni tal-Periti Joseph M. Jaccarini u Joseph Ellul Vincenti. Il-fond 36A gie deskritt bhala "liberu u frank minn kwalunkwe piz" u "fi stat pjuttost t'abbandun" u l-*flat* numru 37 *Flat* 1 gie deskritt bhala "*freehold* u fil-mument jinsab vacant" u "fi stat hazin ta' manutenzjoni". Min imkien ma jirrizulta illi meta inbieghu dawn il-fondi, dawn kienu sogetti ghal xi kirja. Is-socjeta`, intimata hadet pussess u kellha access ghall-fondi meta dawn gew liberati favur taghha.

4. Illi s-socjeta` rikorrenti fl-10 ta' Mejju, 2006 ippruvat tottjeni Mandat ta' Inibizzjoni kontra s-socjeta` intimata billi timpedieh milli jaccedi gewwa l-fondi 36A u 37/1 gewwa Tigne Sea Front Sliema peress illi allegat illi dawn il-fondi kienu mikrija lis-socjeta` rikorrenti. Illi dan il-Mandat ta' Inibizzjoni numru 724/06 gie michud.

5. Illi s-socjeta` intimata ma kkommettiet ebda agir abbuziv u llegali kif allegat is-sacjeta` rikorrenti izda wettqet biss zvilupp li kienet intitolata illi twettaq *qua* proprjetarja; *in oltre* ix-xoghlijiet saru skont il-permessi validi tal-bini mahruga mill-awtoritajiet kompetenti. Ghaldaqstant l-izvilupp imwettaq mis-socjeta` eccipjenti certament ma jikkostitwijx xi fatt illecitu u huwa wiehed illi l-istess socjeta` eccipjenti kellha d-dritt illi tesegwixxi *marte propriu* u minghajr l-intervent tal-Qorti; ghal din ir-raguni, *inter alia* l-azzjoni ta' spoll intentata mis-socjeta` rikorrenti ma tistax tirnexxi u t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez. Illi tant hu minnu illi s-socjeta` intimata ma kkommettiet ebda agir abbuziv u llegali li s-socjeta` rikorrenti permezz tar-rikors guramentat numru 569/06 JRM fl-ismijiet **"Brittania Catering Company Ltd (C2893) vs Scala Developments Company Limited (C18453)"** hasset in-necessita` li titlob dikjrazzjoni f'dan is-sens f' kawza ohra.
6. Illi apparti minn hekk l-azzjoni ta' spoll fil-konfront tas-socjeta` eccepjenti ma tistax tirnexxi *stante* illi jonqos ukoll l-element ta' vjolenza u klandestinita'.

7. Illi t-tieni u t-tielet talba ma jistghux jigu milqugha ghaliex il-blokka ta' appartamenti twaqqghet kompletament u minflok qed jittella' bini iehor. Dejjem minghajr pregudizzju, anke jekk ghal grazzja tal-argument wiehed b'xi mod jargumenta illi setgha kien hemm xi kirja, din illum ma ghadhiex tezizti peress illi l-oggett tal-kirja gie totalment distrutt. Is-socjeta` eccepjenti tirrileva illi l-konjugi Joseph u Maria Carmela Pace u s-socjeta` attrici permezz ta' tliet Mandati ta' Inibizzjoni numri 724/06, 1429/06 u 1416/06 rispettivament ippruvaw iwaqqfu lis-socjeta` esponenti milli twaqqa' l-blokk ta' appartamenti liema mandati kollha gew michuda.

8. Illi ghalhekk it-talbiet kollha rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.

Rat ix-xhieda tas-socjeta` intimata a fol 94 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta fejn fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2007 il-Qorti

nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli sabiex tisma' l-provi fuq il-kaz.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli.
Rat il-verbali tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti fejn fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2009 il-Qorti nnominat lil Dr. Michael Camilleri sabiex b'ordni tal-Qorti jiffissa seduta wahda bhala Assistent Gudizzjarju ghal kontro-ezamijiet kollha relattivi.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri flimkien max-xhieda quddiemu prodotta (fol. 133).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-3 ta' Novembru 2009 fejn il-Qorti ddikjarat il-provi tal-partijiet maghluqa u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-17 ta' Novembru 2009.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija azzjoni ta' spoll fejn is-socjeta' attrici qed tallega li hija kienet tikri minghand Joseph Pace il-fondi 36A u 37 *Flat* 1, Tigne' Sea Front Sliema u hija kellha pussess tal-istess u giet spussessata mill-istess socjeta' konvenuta fl-14 ta' Gunju 2006. Is-socjeta' konvenuta eccepiet li ma kkomettiet ebda spoll ghaliex huma akkwistaw l-istess fondi wara bejgh bl-irkant fuq talba tal-Bank of Valletta plc, fejn l-istess fondi gew hekk mibjugha bhala liberi u franki minn kull piz skont kif deskritti fir-rapporti rispettivi tal-Periti Joseph M. Jaccarini u Joseph Ellul Vincenti, tant li l-istess fondi kienu fi stat ta' abbandun.

Illi l-principji bazilari tal-azzjoni ta’ spoll gew ikkonfermati diversi drabi fis-sentenzi nostrali, inkluza dik fl-ismijiet **“Clive Simpson *nomine vs* Louis Muscat et.”** (P.A. (RCP) - 13 ta’ Frar 2001) ibbazati fuq l-**artikolu 534 tal-Kap. 16 u l-artikolu 791 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta**, u huma mibnija  fuq it-tlett rekwisiti tal-*actio spolii* u cioe`:

(i) *possedesse*
(ii) *spoliatum fuisse*
(iii) *infra bimestre deduxisse*

Illi tali principji u rekwiziti gew ezawrjentement ikkonsidrati fis-sentenzi ta’ din il-Qorti fl-ismijiet “**Natalino u Marie Josette konjugi Agius vs Antonia Said**” (Citazzjoni Numru 2426/97/RCP) deciza fit-13 ta’ Jannar 1999 u “**Joseph Mary Debono et vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri noe**” (Citazzjoni Numru 1704/98/RCP) deciza fid-29 ta’ April, 1999, u s-sentenzi hemm citati, u din il-Qorti taghmel referenza ghall-istess u l-gurisprudenza hemm citata fejn gew eccentwati l-premessi principji:-

(a) L-attur irid jipprova li fil-mument ta’ l-ispoll, huwa kien fil-pussess tal-oggett spoljat, izda tali pussess ma hemmx bzonn li jkun pussess b’ titolu ta’ proprjeta’ jew servitu’, izda anke purament materjali jew *di fatto*, izda mhux ta’ mera tolleranza (**“Joseph Vassallo Gatt nomine vs Joseph Camilleri proprio et nomine”** – App. 26 ta’ Jannar 1996).

(b) “*L-istess pussess ma ghandux ikun ekwivoku u jrid ikun manifest*” (**“Gio Maria Tonna vs Gius Maria Tonna”** – P.A.H.H. 21 ta’ Frar 1983), pero` “*pussess qasir hafna u sahansitra mumentarju huwa bizzejjed biex jawtorizza l-azzjoni ta’ spoll*” (Vol. XXXVII. p. 11, pg. 642); b’ dan li l-pussess ma kellux ikun ekwivoku u kellu jkun manifest (**“Camilleri vs Giglio”** – Vol X – p. 55, 56).

In effetti fis-sentenza **“Marthese Borg vs Gorg Borg”** (P.A. – 25.2.1993) inghad li:

"*L-univocita` ta' tali pussess jew detenzjoni infatti jehtieg li tirrizulta cara mill-fatti u tkun tali li tosta ghall-intenzjoni spolljattiva tal-pussess stess.*"

Dawn il-principji gew ribaditi fis-sentenza tal-Appell fl-ismijiet **"Emanuel sive Leli Sammut vs John Sammut"** (Citazzjoni Numru 585/93GV) tad-19 ta' April 1999 fejn l-istess Qorti tal-Appell sostniet li:-

"*L-attur allura kellu qabel xejn jipprova l-element tal-pussess. Kellu jipprova b' mod konklussiv li kellu 'un possesso di fatto' u mhux pussess bazat fuq xi mera tolleranza li ma tkunx bizzejjed biex isservi ta' fondament ghall-akkwist tal-pussess mehtieg bhala bazi ta' din l-azzjoni.*" (**"Ann Wismayer vs Rinaldo Wismayer Agius"** – P.A. 5 ta' Ottubru 1992).

(c) Illi a bazi tal-**artikolu 791 (3) tal-Kap 12**, il-Ligi tipprovdi tassativament li:-

"*Il-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt tal-ispoll.*"

Hekk il-kawza **"Joseph Cilia et vs Loreto Camilleri et"** (P.A. FGC – Citazzjoni Numru 1163/93/FGC) tat-12 ta' Gunju 1998 gie riaffermat li:-

"*Il-Ligi taghna fl-azzjoni ta' spoll ma tghatix lok ghall-ebda indagini ohra barra minn dik li tistabbilixxi (a) il-fatt ta' pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta' spoll. Indagini limitatissima, rigoruza u skarna li ma tinsab f' ebda legislazzjoni ohra, u ghalhekk, bir-rispett kollu ghal decizjonijiet li ppermettew indagnijiet bazati fuq x' jghidu u x' ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani, huma ghal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna*" (**"Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone"** – Appell 9.3.1992). Tal-istess portata hija s-sentenza **"Mariano Farrugia et nomine vs Peter Paul Cutajar"** (Citazzjoni Numru 1441/97/FGC tat-23 ta' Ottubru 1998) fejn il-Qorti accentwat li:-

"*Din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba 'stat ta' fatt' arbitrarjament u hija intiza 'unikament biex igieghel lill-konvenut li jerga' iqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha u daqshekk biss*" kif jghid bl-aktar mod car l-**artikolu 791 (1) tal-Kap 12** li sfortunatament jigi hafna drabi injorat.

(d) Illi l-vjolenza mehtiega fl-ispoll hija biss dik li l-att ta' spoll ikun arbitrarju u kontra il-volonta' tal-pussessur b' mod li jista' jghati lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att (**"Joseph Scerri vs Spiridione Falzon"** – P.A. (A.M) 24.1.1958; **"Joseph Vella vs Salvu Micallef"** – P.A. (JSP) 30.4.1991).

(e) Tali artikoli fuq citati huma ta' ordni pubbliku u ghalhekk ma humiex ammessi eccezzjonijiet hlief eccezzjonijiet delatorji (**"Margherita Fenech vs Paolo Zammit"** – P.A. 12.4.1958, Vol XLLI. Pg. 973; **"Carmelo Sacco vs Paul Sacco"** – Appell 23.1.1998).

(f) Illi ta' partikolari interess, fl-ambitu tal-kawza odjerna huwa dak stabbilit fis-sentenza **"Alfred Pisani et vs Victor Farrugia"** ( P.A. FGC – 21 ta' Jannar 1994).

"*Jinghad li la l-Ligi u lanqas il-gurisprudenza ma jaffermaw il-principju li biex wiehed jirnexxi b' din l-azzjoni ta' spoll huwa ghandu jkollu pussess esklussiv. Anzi l-Qrati nostrali dejjem ippremettew li ko-possessur jagixxi b' din l-azzjoni kontra ko-possessur iehor li jikkometti spoll ghad-dannu tieghu u dan minhabba li l-azzjoni ta' spoll ghandha l-iskop li tipprotegi l-pussess u mhux il-pussess esklussiv.*"

(g) L-azzjoni ta' spoll trid issir "*fi zmien xahrejn mid-data tal-kummissjoni tal-att spolljattiv*", b' dan li skont il-pronunzjament fis-sentenza **"Norman Vassallo vs Filomena Esposito"** (Appell – 18 ta' Gunju 1993) inghad li *meta tinghata l-eccezzjoni li l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma saritx fiz-zmien preskritt mill-Ligi, il-prova ta' dan tinkombi fuq l-eccipjenti ghaliex skont l-**artikolu 562 tal-Kap 12**, l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jallegah.*"

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta’ konvenuta akkwistat *inter alia* l-immobbli mertu tal-kawza odjerna permezz ta’ proceduri ta’ subbasta u dawn gew liberati favur taghha fit-23 ta’ Dicembru 2005 u dawn gew akkwistati bis-sehem taghhom indiviz fil-kwota hemm indikata tal-partijiet komuni tal-istess tal-istess blokk ta’ *flat*s konsistenti fil-bejt u l-arja tieghu, l-entratura, t-tarag, il-lift, u s-servizzi l-ohra (Dok. “SDL 1” 0- fol. 107).

Illi sussegwentement jidher li gew akkwistati l-*flat*s l-ohra fl-istess blokka nkluz il-partijiet indivizi l-ohra tal-imsemmija partijiet komuni b’dan li s-socjeta’ attrici saret il-propretarja assoluta tal-*garage* u l-appartamenti kollha, bl-arja u l-partijiet komuni kollha tal-istess blokk ta’ *flat*s.

Illi gie ppruvat li l-fondi mertu tal-kawza odjerna kienu gew akkwistati skont id-deskrizzjonijiet maghmula mill-periti Joseph M. Jaccarini (fol. 109) u Joseph Ellul Vincenti (fol. 112) rispettivament (Dok. “SDL 2”) fejn iz-zewg fondi gew indikati li kienu liberi u franki u bil-pussess vakanti. Fil-fatt jirrizulta li l-istess fondi kienu abbandunati tant li jirrizulta li qabel mas-socjeta’ attrici bdiet l-izvilupp propost ghal tali binja, li kien jinkludi t-twaqqieh u l-bini mill-gdid tal-istess, hija ghamlet il-preparamenti sabiex jinqalghu l-*meter*s tad-dawl u ilma u ma kien hemm ebda ostakolu ta’ xejn sabiex l-istess socjeta’ konvenuta tidhol fil-post kif fil-fatt ghamlet permezz tal-Perit Patrick Grixti Soler u George Agius.

Illi pero’ jidher li wara li marru fuq il-post fit-12 ta’ Mejju 2006, l-ghada sabu serraturi godda fl-istess post, li qalghu wahda minnhom, izda xi jumejn wara sab zewg *lock*s ohra li regghu inqalghu. Illi jirrizulta wkoll li wara t-12 ta’ Mejju 2006 l-istess Perit kien mar ma’ George Agius sabiex jinqaraw il-*meter*s izda sabu karozza Mercedes – Reg. No. ABH – 915 li kienet ta’ Bridge Co. Ltd li kienet maqbuda b’mandat u effettivament l-istess vettura inbieghet sussegwentement b’subbasta u dan bil-mod kif ikkonfermat mix-xhieda ta’ Mario Xeureb tas-27 ta’ Novembru 2007 (Dok. “MX”). Wara li tnehhiet l-istess karozza l-bini twaqqa’ u sar bini gdid ta’ sitt sulari.

Illi l-fatt li l-prova li l-istess postijiet kienu abbandunati jirrizulta wkoll mill-affidavits ta’ Alfred u Elizabeth Aloisio datati 16 ta’ Novembru 2007 (Dok. “AA” u “EA”). Jirrizulta li l-affidavit tal-Perit Patrick Griscti Soler datat 16 ta’ Novembru 2007 (Dok. “PGS”) huwa kkorroborat mill-affidavit ta’ George Agius datat 22 ta’ Novembru 2007 (Dok. “GA”) fejn jikkonferma li fit-12 ta’ Mejju 2006 dahal fil-*garage* mal-imsemmi perit u wara fl-10 ta’ Gunju 2006 kien sab z-zewg *lock*s imsemmija. Mhux hekk biss, izda il-Periti Joseph Jaccarini u Joseph Ellul Vincenti fix-xhieda taghhom datata 2 ta’ Marzu 2009 mhux biss ikkonfermaw li l-fondi fil-mument li ghamlu r-rapport kienu fi stat ta’ abbandun, izda wkoll li ma kien hemm xejn fil-post hlief ghall-hmieg (fol. 133 u 134). Jinghad li fiz-zewg rapporti tal-istess periti mkien ma hemm indikat li l-istess fond kien suggett ghal xi kirja favur xi persuna, inqas u inqas favur is-socjeta’ attrici, u dawn ir-rapporti gew ikkonfermati minn Vincent Attard li kien Deputat Registratur tal-Qorti inkarigat mis-subbasti fiz-zmien li sar il-bejgh u l-liberazzzjoni favur is-socjeta’ konvenuta tal-fondi mertu tal-kawza odjerna (xhieda 2 ta’ Marzu 2009 – fol. 134). Dan gie wkoll ikkonfermat mix-xhieda ta’ Joe Borg Cardona ghan-nom tal-Bank of Valletta p.l.c. fejn sostna li mid-dokumenti relattivi ma jirrizultax li tali fondi kienu suggetti ghal xi kirja.

Illi fid-dawl ta’ dan kollu jinghad li minkejja dak allegat mis-socjeta’ attrici u cjoe’ li hija kienet kriet il-fond minghand Joseph Pace, minn imkien ma jirrizulta li dan b’xi mod gie ppruvat, u wisq inqas gie ppruvat li l-istess socjeta’ attrici kellha pussess tal-istess fondi u filfatt dak allegat fl-affidavit ta’ Joseph Pace datat 6 ta’ Dicembru 2006 mhux biss ma giex ikkorroborat bl-ebda mod, izda huwa ghal kollox kontradett mix-xhieda kollha tas-socjeta’ konvenuta, anke hawn citata.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li a bazi tal-provi prodotti l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi peress li ma giex ippruvat li s-socjeta’ attrici qatt kellha pussess tal-istess fondi mertu tal-kawza odjerna u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u dan in kwantu l-istess huma konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici** ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------